MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
KATJA PSAILA SAVONA**

Seduta tat-30 ta' April, 2013

Talba Numru. 1127/2010

**Motherwell Bridge Mediterranean Limited C-23686)
Vs
ARMA Caterers Ltd (C-39834)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-socjeta' attrici ppremettiet illi s-socjeta' konvenuta hija debittrici tas-socjeta' attrici ghas-somma t' elf tlieta u erbghin ewro u disghin centezmu (€1,043.90) liema ammont huwa cert, likwidu u li ghalaq, rapprezentat mill-fatturi mibghuta (Dok. 'A' hawn anness); illi s-socjeta' attrici akkwistat is-socjeta' ADS System Ltd (C-28662) (Dok. 'B' hawn anness) u b'hekk akkwistat id-drittijiet ta' din is-socjeta'; tghid ghalhekk, is-

socjeta’ konvenuta ghaliex dan l-Onorabbli Tribunal m’ghandux jordnala thallas is-somma dovuta u dan salv kull provediment iehor li dan l-Onorabbli Tribunal jidhirlu xieraq; bl-ispejjez komprizi dawk ta’ l-ittra ufficjali tat-tnax ta’ Novembru, elfejn u disgha (ref. 1037/11/2009) u tar-rikors tas-sitta ta’ Novembru elfejn u disgha (ref. 480/11/2009), u bl-imghax legali sad-data tal-pagament effettiv kontra s-socjeta’ konvenuta, ngunta minn issa ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tas-socjeta’ konvenuta li biha ecceppiet illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michudin bl-ispejjez stante li l-ammont mitlub mis-socjeta’ attrici huwa preskritt skont l-artikolu 2148 tal-Kodici Civili; salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.

Ra d-dokumenti kollha li gew ipprezentati;

Ra l-atti kollha;

Ra ukoll il-verbal tan-nhar il-11 ta Dicembru 2012 li bih thalliet illum ghas-sentenza preliminari dwar l-eccezzjoni prelimari tal-preskrizzjoni.

Illi din hija kawza fejn is-socjeta’ konvenuta qed titlob hlas tas-somma ta’ €1,043.90 dovuti ghal fatturi mibghuta minn ADS System Limited lis-socjeta konvenuta (Doks A, a fol 2 sa 20 tal-process). Illi ADS Systems Limited giet akkwistata mis-socjeta’ attrici fl-24 ta Mejju 2010 (ara Dok B) u ghalhekk is-socjeta’ attrici akkwistat d-drittijiet kolllha tas-socjeta’ ADS System Limited inkluz id-dejn prezenti.

Illi l-eccezzjoni ssollevata mis-socjeta’ konvenuta hija li l-ammont mitlub mis-socjeta’ attrici huwa preskritt skont id-disposizzjoni tal-Artikolu 2148 tal-kapitlu 16 li jipprovdi zmien preskritt ta’ tmintax-il xahar.

Illi pero’ qatt ma gie ndikat mis-socjeta’ konvenuta liema hija d-disposizzjoni specifika ta’ preskrizzjoni li ghaliha qieghed jigi riferut. Is-socjeta’ konvenuta ma dehritx ghall-diversi seduti u lanqas dehret biex tittratta dwar din l-eccezzjoni.

Illi s-socjeta' konvenuta ghandha l-obbligu illi tindika l-artikolu specifiku meta tigi ssollevata l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni. M'huwiex il-kompitu tat-Tribunal li jipprova jistabilixxi ghal liema artikolu qed issir din ir-referenza. Illi infatti tohrog mill-gurisprudenza nostrana illi jekk il-konvenut ma jindikax l-artikolu specifiku l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni tkun inammissibli. Fil-kawza, *Joseph Gauci v Saviour Abela*[1], l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell iddikjarat:

*Irid jinghad ukoll illi l-proposizzjoni generika ta' l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni mill-parti nteressata ma tawtorizzax lill-gudikant biex jindividwa hu t-tip ta' preskrizzjoni li tghodd ghall-kaz. Dan ghaliex huwa l-parti li ghandu l-oneru jaghzel liema wahda mill-varji ipotesijiet prezunti mil-ligi hi applikabbli. Fin-nuqqas ta' ndikazzjoni specifika l-eccezzjoni nnifisha ma tistax hlief tigi dikjarata inammissibbli.*[2] *(enfazi mizjuda mit-Tribunal)*

Mill-provi jirrizulta li Arma Caterers Limited propjetarja ta' Ryan's Irish Pub kienet xtrat diversi affarijiet u servizzi relatati ma sistemi ta' *software* u kompjuters. Dawn kienu provduti fis-sena 2008 u 2009 u ghalhekk jidher skont fattura datata 11 ta' Gunju 2008 li kienet ghandha dovuta s-somma ta' tmien t'elef disa' mija u disgha ewro u sebgha u erbghin centezmu (€8,909.47) liema somma tidher li thallset fil-maggor parti ghaliex is-somma li ghaliha saret din il-kawza hija t' elf u tlieta u erbghin ewro u disghin centezmu (€1,043.90), ghalhekk hlas tal-bilanc. Illi anke li kieku t-Tribunal jidhirlu li ghandu jaccetta r-referenza ghall-artikolu 2148 li jaghti terminu ta' tmintax-il xahar, xorta wahda, mill-fatturi esebiti u sahansitra l-ittra ufficjali datata fi 24 ta' Settembru 2009 (ara process, a fol. 63) tindika li l-perjodu ta' tmintax-il xahar indikata fl-artikolu 2148 giet interrotta.

---

[1] Appell Civili (Sede Inferjuri) deciza mill- Onor Imhallef Philip Sciberras nhar it -22 ta' Gunju 2005 (Appell Civili Numru. 1516/2002/1)

[2] *Joseph Grech vs Emanuele Camilleri et,* Appell Kummercjali, 21 ta' Marzu 1977

Ghaldaqstant, in vista tac-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni u jordna s-smigh tal-provi in mertu.

B-ispejjes kontra is-Socjeta' konvenuta.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------